Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2053(INI)

28.4.2025

EMENDI
1 - 317

Abbozz ta' rapport
Francisco Assis
(PE770.192v01-00)

Attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment - rapport annwali 2024
(2024/2053(INI))

Emenda 1
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rieżami kkummissjonat mill-G20 tal-oqfsa ta' adegwatezza kapitali tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (ir-rieżami tas-CAF),

Or. en

Emenda 2
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra t-tielet rapport annwali tal-BEI dwar l-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI fir-reġjuni ta' koeżjoni tal-UE tal-15 ta' Lulju 2024,	– wara li kkunsidra t-tielet rapport annwali ***tal-Grupp*** tal-BEI dwar l-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI fir-reġjuni ta' koeżjoni tal-UE tal-15 ta' Lulju 2024,

Or. en

Emenda 3
César Luena, Francisco Assis, Jonás Fernández, Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura,

Or. en

Emenda 4
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti - Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE",

Or. en

Emenda 5
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 28a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istandards Ambjentali u Soċjali tal-BEI,

Or. en

Emenda 6
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 29a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra t-tnedija tal-Inizjattiva taċ-Champions Ewropej tat-Teknoloġija (ETCI) tal-BEI fit-13 ta'

Frar 2023,

Or. en

Emenda 7
Christophe Gomart, Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mill-Kummissjoni Ewropea ppubblikat fil-11 ta' Jannar 2024 u bit-titolu "Access to equity financing for European defence SME" (Aċċess għall-finanzjament mill-ekwità għall-SMEs Ewropej tad-difiża)[7a],
	[7a] https://data.europa.eu/doi/10.2889/698738

Or. en

Emenda 8
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bord tal-BEI tal-21 ta' Marzu 2025,

Or. en

Emenda 9
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 35a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030,

Or. en

Emenda 10
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 40a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2025 dwar il-white paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea[7a],
	[7a] P10_TA(2025)0034.

Or. en

Emenda 11
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Grupp tal-BEI għandu total tal-karta tal-bilanċ ta' kważi EUR 600 biljun;	***imħassar***

Or. en

Emenda 12

Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Grupp tal-BEI għandu total tal-karta tal-bilanċ ta' kważi EUR 600 biljun;	A. billi l-Grupp tal-BEI għandu total tal-karta tal-bilanċ ta' kważi EUR 600 biljun***, u dan jagħmlu l-akbar istituzzjoni finanzjarja multilaterali fid-dinja***;

Or. en

Emenda 13
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, ***għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba*** tal-objettivi ***tal-UE***;	B. ***billi l-Grupp tal-BEI jinkludi l-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI);*** billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, ***huwa l-akbar bank multilaterali tal-iżvilupp li jopera fis-swieq kapitali internazzjonali li joffri termini kompetittivi lill-klijenti u kundizzjonijiet favorevoli biex jappoġġja l-politiki u l-proġetti tal-UE kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni; billi l-FEI huwa proprjetà tal-BEI (60 %), tal-UE (30 %) u tal-istituzzjonijiet finanzjarji (10 %) mill-Istati Membri, mir-Renju Unit u mit-Turkija; billi l-FEI qed jaġixxi bħala korp dedikat għall-appoġġ*** tal-objettivi ***ta' politika tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-intraprenditorija, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni ekonomika***;

Or. en

Emenda 14
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-UE;	B. billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-UE***, b'mod konkret l-iżvilupp tas-suq intern u li tingħata spinta lil-potenzjal tal-Unjoni f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi, tkabbir ekonomiku u kompetittività***; ***billi dak il-mandat jifhem il-promozzjoni tal-politiki tal-UE f'pajjiżi terzi;***

Or. es

Emenda 15
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-UE;	B. billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-UE ***f'konformità mal-Artikolu 309 tat-TFUE***; ***billi l-BEI ttimbra lilu nnifsu bħala l-bank klimatiku tal-UE, minħabba l-investimenti addizzjonali meħtieġa biex titwassal it-tranżizzjoni ekoloġika;***

Or. en

Emenda 16
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-UE;	B. billi l-BEI, li huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-UE***, b'mod partikolari, għall-iżvilupp bilanċjat u kostanti tas-suq intern fl-interess tal-Unjoni, kif imnaqqax fl-Artikolu 309 tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 17
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-BEI***, li*** huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, ***għandu l-kompitu li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-UE***;	B. billi l-BEI huwa l-proprjetà sħiħa tal-Istati Membri, ***u l-kompiti tiegħu huma stabbiliti fl-Artikolu 309 tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 18
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent; billi l-investiment totali tal-BEI huwa mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;	C. billi l-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent; ***billi l-proporzjon ta' ingranaġġ tal-BEI żdied għal 290 %, u pprovda spazju addizzjonali għall-BEI biex jinvesti u jappoġġja l-prijoritajiet komuni tal-UE;*** billi l-investiment totali tal-BEI huwa

	mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;

Or. en

Emenda 19
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent; billi l-investiment totali tal-BEI huwa mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;	C. billi l-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent***, u EUR 1 biljun biss ġew allokati għat-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa***; billi l-investiment totali tal-BEI huwa mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;

Or. en

Emenda 20
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent; billi l-investiment totali tal-BEI huwa mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;	C. ***billi l-Grupp tal-BEI għandu total tal-karta tal-bilanċ ta' kważi EUR 600 biljun***; billi l-Grupp tal-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent; billi l-investiment totali ***tal-Grupp*** tal-BEI huwa mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;

Or. en

Emenda 21
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent; billi l-investiment totali tal-BEI huwa mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;	C. billi l-BEI jiddikjara li l-investiment totali tiegħu laħaq livell rekord ta' EUR 88,8 biljun fl-2024, li minnhom EUR 50,7 biljun kienu relatati mal-klima u l-ambjent ***u EUR 14,4-il biljun kienu relatati mad-diġitalizzazzjoni u mal-innovazzjoni teknoloġika***; billi l-investiment totali tal-BEI huwa mistenni li jiżdied għal EUR 95 biljun fl-2025;

Or. en

Emenda 22
Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jiffurmaw is-sinsla tal-ekonomija Ewropea, b'aktar minn 85 % tagħhom jirrapportaw pożijiet amministrattivi sinifikanti fl-aċċess għall-finanzjament, u billi, skont ir-Rapport ta' Investiment tal-BEI 2024/2025, l-ispiża medja tal-burokrazija għall-SMEs hija ta' 2,5 % tal-fatturat, filwaqt li l-ispejjeż tal-enerġija wara l-kriżi tal-enerġija kienu jammontaw għal 4 %, u dan jenfasizza l-piż finanzjarju relattiv assoċjat mal-amministrazzjoni;

Or. cs

Emenda 23
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-BEI jappoġġja l-politiki u l-proġetti tal-UE u huwa s-sieħeb ewlieni ta' implimentazzjoni biex jiġu sfruttati l-mandati u l-garanziji tal-baġit tal-UE u b'hekk jiġu mmobilizzati investimenti pubbliċi u privati fuq skala kbira; billi l-BEI jiddikjara li madwar 90 % tal-investiment annwali tiegħu huwa impenjat għal proġetti fl-UE u 10 % jintuża għal investimenti barra mill-UE;

Or. en

Emenda 24
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi, sa Ġunju 2024, InvestEU huwa stmat li mmobilizza madwar EUR 280 biljun ta' investimenti addizzjonali, li minnhom EUR 201 biljun ġew mis-settur privat; billi l-pakkett InvestEU huwa kważi eżawrit;

Or. en

Emenda 25
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi, meta wieħed iqis ix-xenarju ġeopolitiku attwali, l-iżvilupp tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea għandu rwol dejjem aktar importanti fis-suq intern;

Or. en

Emenda 26
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Bank iżomm elementi finanzjarji fundamentali sodi u għandu klassifikazzjoni AAA li hija essenzjali biex tinżamm il-fiduċja tal-investituri u jiġu żgurati kostijiet tat-teħid b'self baxxi;

Or. en

Emenda 27
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi, fl-2024, il-Grupp tal-BEI pprovda madwar 16,2-il biljun għall-SMEs u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja; jinnota li l-Grupp tal-BEI jappoġġja lill-kumpaniji fl-istadji kollha tal-iżvilupp;

Or. en

Emenda 28
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi r-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività Ewropea stima diskrepanza annwali fl-investiment ta' EUR 800 biljun fl-UE u l-White Paper tal-Kummissjoni dwar ir-rapport dwar id-Difiża Ewropea tidentifika li huwa meħtieġ investiment addizzjonali ta' EUR 800 biljun fis-settur tad-difiża fuq perjodu ta' erba' snin; billi l-Grupp tal-BEI għandu rwol kruċjali biex jgħin inaqqas id-diskrepanza kemm mill-kapaċitajiet ta' self tiegħu stess kif ukoll billi jiġbor il-kapital privat biex jiffinanzja dawn il-ħtiġijiet ta' investiment;

Or. en

Emenda 29
Jaroslava Pokorná Jermanová, Tomáš Kubín, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-Bank Ewropew tal-Investiment, bħala istituzzjoni pubblika, irid jagħti kont ta' għemilu liċ-ċittadini tal-UE, u billi kien hemm sejħiet li ilhom isiru għal trasparenza akbar fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dettaljata dwar proġetti li jirċievu finanzjament, u titjib fil-mekkaniżmi ta' governanza interna, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji għar-reputazzjoni;

Or. cs

Emenda 30
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-Istatut tal-BEI ġie emendat fit-28 ta' Frar 2025 b'deċiżjoni tal-Kunsill li jiżdied il-limitu tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-BEI abbażi tar-rieżami tas-CAF ikkummissjonat mill-G20;

Or. en

Emenda 31
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-aħħar rapporti dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea jappellaw għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, jenfasizzaw ir-rwol vitali tal-integrazzjoni tas-suq u jissottolinjaw il-ħtieġa li jitħaffef kemm l-investiment pubbliku kif ukoll dak privat biex tinbena Ewropa aktar b'saħħitha, aktar sikura, awtonoma u ġusta;

Or. en

Emenda 32
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi r-rapport ta' Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030;

Or. en

Emenda 33
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ce (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ce. billi r-rapport ta' Draghi enfasizza d-diskrepanza ta' 30 % fil-produttività bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-2023 u identifika bħala l-fattur ewlieni l-fatt li l-Ewropa ma kinitx parti ewlenija mir-rivoluzzjoni diġitali, immexxija mill-internet u ż-żidiet fil-produttività, b'erbgħa biss mill-aqwa 50 kumpanija tat-teknoloġija fid-dinja li huma Ewropej;

Or. en

Emenda 34
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cf. billi, skont ir-rapport ta' Draghi, il-kumpaniji tal-UE jonfqu anqas fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) mill-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti u l-Ewropa tonqos b'mod persistenti milli

tittrasforma r-riċerka u l-innovazzjoni f'kummerċjalizzazzjoni, b'mod partikolari f'setturi bħall-bijoteknoloġija, l-intelliġenza artifiċjali u l-enerġija rinnovabbli fil-kuntest ta' nuqqas ta' skala u unjoni b'Suq Uniku, Unjoni Bankarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali mhux kompluti;

Or. en

Emenda 35
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cg. billi r-rapport ta' Letta jistma li EUR 300 biljun tal-flus imfaddla fl-Ewropa ma jiġux investiti fl-Ewropa, iżda prinċipalment fl-Istati Uniti, minħabba n-nuqqas ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) integrata; billi l-President tal-Bank Ċentrali Ewropew jistma li l-kumpaniji fl-UE jistgħu jiġbru madwar EUR 470 biljun fis-sena f'finanzjament mis-swieq kapitali jekk titlesta s-CMU[1a];
	1a https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/statement_24_2148

Or. en

Emenda 36
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ch (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ch. billi s-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) jistma li l-benefiċċji potenzjali ta' suq finanzjarju tal-UE integrat bis-shiħ u regolat b'mod aktar effettiv jilħqu sa EUR 159 biljun fis-sena fuq terminu twil kif ukoll il-benefiċċju ta' progress ulterjuri fl-integrazzjoni tas-settur bankarju tal-UE jilħaq sa EUR 114-il biljun fis-sena;

Or. en

Emenda 37
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ci (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ci. billi l-BEI għandu rwol ewlieni, permezz tal-FEI, fl-appoġġ ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), fit-tishiħ tal-kapaċità tagħhom li jaċċessaw is-swieq finanzjarji, mill-kapital ta' riskju sal-mikrofinanzjament;

Or. en

Emenda 38
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cj. billi l-BEI ttimbra lilu nnifsu bħala l-bank klimatiku tal-UE fil-perspettiva tal-investimenti meħtieġa biex titwassal it-tranżizzjoni ekoloġika ġusta;

billi l-Kummissjoni tistma li l-UE jeħtieġ li żżid l-investimenti annwali tagħha fl-enerġija, fl-innovazzjoni industrijali u fl-espansjoni u fis-sistema tat-trasport b'madwar EUR 480 biljun meta mqabbla mad-deċennju[2a] preċedenti;

[2a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0085

Or. en

Emenda 39
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ck (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ck. billi s-settur tal-akkomodazzjoni huwa ta' interess ġenerali iżda qed jiffaċċja tnaqqis fl-investimenti pubbliċi u anqas għotjiet mhux ripagabbli li jagħmlu l-investiment kontinwu tal-BEI għall-forniturі pubbliċi, soċjali u kooperattivi tal-akkomodazzjoni, b'rispons għall-kriżi tal-akkomodazzjoni li għaddejja bħalissa fl-UE, kruċjali għal dan is-settur; billi s-self għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli huwa element ewlieni tas-self urban ta' EUR 150 biljun mill-BEI;

Or. en

Emenda 40
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cl (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cl. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni taffettwa kważi kull parti tal-Ewropa, u ma għadhiex taffettwa biss lil dawk l-aktar vulnerabbli, iżda qed tpoġġi pressjoni sinifikanti anke fuq il-klassi medja;

Or. en

Emenda 41
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cm (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cm. billi l-prezzijiet tad-djar fl-UE żdiedu b'medja ta' 48 % f'anqas minn 10 snin, bejn l-2015 u l-2023; billi skont id-data pprovduta mill-BEI, hemm bżonn li jinbnew 1,5 miljun dar ġdida u li jiġu rinnovati 5 miljun dar eżistenti kull sena—sforz li jeħtieġ investiment annwali ta' bejn EUR 300 u EUR 400 biljun; billi l-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-BEI jipprevedi investimenti ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin;

Or. en

Emenda 42
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cn (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cn. billi l-BEI ħabbar li se jirdoppja l-finanzjament tiegħu għas-sigurtà u d-

difiża minn EUR 1 biljun fl-2024 għal EUR 2 biljun fl-2025, filwaqt li jissalvagwardja l-istatus ta' klassifikazzjoni tal-kreditu "AAA" tiegħu;

Or. en

Emenda 43
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Co (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Co. billi l-fergħa tas-self tal-BEI Globali, li tnediet fl-2022, hija ta' importanza kruċjali f'termini tal-pożizzjoni tal-Ewropa fid-dinja; billi l-BEI Globali huwa mistenni li jagħevola mill-anqas terz tal-EUR 300 biljun f'investimenti li l-Global Gateway għandha l-ħsieb li tiġġenera sal-aħħar tal-2027;

Or. en

Emenda 44
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cp (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cp. billi l-Parlament appella ripetutament għall-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI; billi l-Parlament iffirma ftehimiet ma' diversi korpi tal-UE; billi l-Parlament u l-BEI għandhom storja twila ta' kooperazzjoni intensiva, inklużi interazzjonijiet (mhux) leġiżlattivi u

djalogu;

Or. en

Emenda 45
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa'*** l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027***, li jirriflettu l-prijoritajiet*** politiċi tal-UE, ***inklużi*** l-kompetittività***, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża***;	1. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li*** l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027 ***ma jirriflettux b'mod komprensiv il-prijoritajiet*** politiċi tal-UE, ***b'mod partikolari, is-sigurtà, id-difiża*** u l-kompetittività***; jinnota bi tħassib li***, ***filwaqt li l-azzjoni dwar il-klima hija identifikata bħala l-prijorità strateġika ewlenija tal-Grupp tal-BEI għall-perjodu 2024-2027, b'aktar minn 50 % tal-investimenti annwali allokati għat-tranżizzjoni ekoloġika, huma previsti livelli ferm aktar baxxi ta' investiment għall-prijoritajiet relatati mal-kompetittività, speċifikament, madwar EUR 20 biljun fis-sena huma allokati għall-SMEs u għan-negozji ġodda, u EUR 7 biljun fis-sena f'ekwità għall-espansjoni tal-kumpaniji Ewropej, minkejja r-rwol kritiku tagħhom biex titnaqqas id-diskrepanza fil-kompetittività tal-Ewropa***;

Or. en

Emenda 46
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-	1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-

BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;	BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża; ***ifakkar li t-tmien prijoritajiet miġbura fil-Pjan Direzzjonali strateġiku huma: il-klima, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni, il-koeżjoni, l-agrikoltura u l-bijoekonomija, l-infrastrutturi soċjali, l-investimenti barra mill-Unjoni Ewropea u s-swieq tal-kapital;***
	Or. es

Emenda 47
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa***,*** kif ukoll ***is-sigurtà u d-difiża***;	1. ***Japprezza r-rieda tal-BEI li jadatta u jirrivitalizza lilu nnifsu f'konformità mal-bidliet fir-rekwiżiti tal-politika tal-UE, filwaqt li jirrispetta l-għanijiet fit-tul tiegħu;*** jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ***is-sigurtà u d-difiża,*** il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, ***l-agrikoltura, il-finanzjament barra mill-UE*** kif ukoll ***il-promozzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali***;
	Or. en

Emenda 48
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' l-prijoritajiet*** strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;	1. ***Jieħu nota tal-prijoritajiet*** strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża; ***jenfasizza li minħabba l-isfidi attwali u l-iżviluppi internazzjonali, huwa ta' importanza kruċjali li tingħata prijorità lill-investimenti biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea;***

Or. en

Emenda 49
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa'*** l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;	1. ***Jinnota*** l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;

Or. en

Emenda 50
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;	1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża; ***jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-kapaċità tal-BEI li jadatta għall-politiki li qed jinbidlu filwaqt li jibqa' impenjat li jilħaq l-objettivi fit-tul tiegħu;***

Or. en

Emenda 51
Ľudovít Ódor, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;	1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża; ***jitlob, f'dan ir-rigward, li l-BEI jikkonċentra fuq il-prijoritajiet strateġiċi u politiċi u li jkun prudenti meta jistabbilixxi l-ambitu tagħhom;***

Or. en

Emenda 52
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;	1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali, l-infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, ***l-appoġġ għall-kapaċità ta' investiment u innovazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kumpaniji start-up,*** kif ukoll is-sigurtà u d-difiża;

Or. it

Emenda 53
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, ***inklużi l-kompetittività***, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali***,*** l-infrastruttura ***soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll is-sigurtà u d-difiża***;	1. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi tal-BEI għall-perjodu mill-2024 sal-2027, li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-UE, ***b'mod partikolari l-enfasi tiegħu fuq it-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea***, ***is-sigurtà u d-difiża,*** it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni reġjonali ***ul-infrastruttura***;

Or. en

Emenda 54
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; ***iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed ***għal dan l-iskop***; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment";	2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa***, billi jingħata appoġġ lis-settur privat permezz tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni u billi jiġi attirat l-investiment privat***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI ***billi tinħoloq kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn is-settur pubbliku u dak privat filwaqt li jiġi evitat li l-Bank jinqaleb f'għodda ta' sussidji***; ***jistieden*** lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed ***sabiex jiġi attirat il-kapital privat u titkisser id-dipendenza qawwija fuq il-finanzjament pubbliku***; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment" ***permezz tal-iżvilupp tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti***; ***Ifakkar li l-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li tingħata preferenza lill-investimenti privati u li l-proġett tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti jiġi żviluppat skont id-domanda tas-suq;***

Or. es

Emenda 55
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza ***l-appell qawwi biex il-BEI*** jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop***; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun	2. Jenfasizza ***l-ħtieġa li l-BEI*** jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata allokazzjoni aktar bilanċjata tar-riżorsi tal-BEI fl-objettivi klimatiċi, ta' kompetittività u ta' difiża***; ifakkar li l-

“Kummissjoni tal-investiment”;	Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun “Kummissjoni tal-investiment”;

Or. en

Emenda 56
Damian Boeselager
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop***; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun “Kummissjoni tal-investiment”;	2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa ***li skont stima ta’ Mario Draghi hija ta’ EUR 800 biljun, li minnhom EUR 50 biljun għat-tranżizzjoni tal-enerġija biss***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun “Kummissjoni tal-investiment”;

Or. en

Emenda 57
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet	2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop ***fil-forma ta’ mandati fdati lill-BEI jew***

għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment";

permezz ta' żieda fil-kapital jekk ikun hemm bżonn; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment";

Or. en

Emenda 58
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment";	2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop ***u jilliberaw il-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni ekoloġika, it-tranżizzjoni diġitali u t-tranżizzjoni soċjali***; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment";

Or. en

Emenda 59
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Geadis Geadi, Diego Solier, Nora Junco García, Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-	2. Jenfasizza l-appell qawwi biex il-BEI jiżvolġi rwol saħansitra akbar sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-

BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; ***iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment";	BEI jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-BEI; ***jistieden*** lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament biżżejjed għal dan l-iskop; ifakkar li l-Kummissjoni l-ġdida stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tkun "Kummissjoni tal-investiment";

Or. en

Emenda 60
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Itenni l-appell tiegħu għal żieda fil-kapital biex il-BEI jkun jista' jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-prijoritajiet komuni tal-UE; jisħaq fuq ir-rwol ċentrali tal-BEI biex jippermetti l-investimenti meħtieġa għal tkabbir sostenibbli inklużiv ġust li jimmassimizza l-gwadanji fl-innovazzjoni f'oqsma ta' politika ewlenin tal-UE; ifakkar li dawk l-investimenti għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jikkontribwixxu biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif ukoll il-miri tal-2030 u l-2040, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija", kif ukoll l-impenji internazzjonali u b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-Ftehim Kunmin-Montreal u l-Aġenda 2030, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

Or. en

Emenda 61
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; ***jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt*** li l-BEI ***rrisponda għall-objettivi tal-politika tal-UE, b'mod partikolari billi sar "bank klimatiku"[8] [9]***;	3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti li l-BEI ***jeħtieġlu jippreżerva fit-twettiq tal-operazzjonijiet tiegħu***;

[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.

[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.

Or. en

Emenda 62
Jaroslava Pokorná Jermanová, Tomáš Kubín, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; ***jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-BEI rrisponda għall-objettivi tal-politika tal-UE, b'mod partikolari billi sar "bank klimatiku"[8] [9]***;	3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; ***ifakkar, madankollu, li l-klassifikazzjoni esklużiva tal-BEI bħala bank klimatiku mhijiex sostenibbli fit-tul jekk il-bank irid jirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi strateġiċi fl-oqsma tas-sigurtà, tad-difiża, tal-innovazzjoni tal-kompetittività u tas-sovranità teknoloġika***;

8 https://www.eib.org/en/investor-relations/index.

9 https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.

Or. cs

Emenda 63
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; ***jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-BEI rrisponda għall-objettivi tal-politika tal-UE, b'mod partikolari billi sar "bank klimatiku"***[8] [9];	3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti[8] [9];
[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.	[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.
[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.	[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.

Or. en

Emenda 64
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ	3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ

importanti; ***jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-BEI rrisponda għall-objettivi tal-politika tal-UE, b'mod partikolari billi sar "bank klimatiku"***[8] [9];	importanti; [8] [9] ;
[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.	[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.
[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.	[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.
	Or. en

Emenda 65
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-BEI rrisponda għall-objettivi tal-politika tal-UE, ***b'mod partikolari billi sar "bank klimatiku"***[8] [9] ***;***;	3 Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-BEI rrisponda għall-objettivi tal-politika tal-UE,
[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.	
[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.	
	Or. es

Emenda 66
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, ***mill-fatt*** li ***l-BEI rrisponda għall-objettivi tal-politika tal-UE, b'mod partikolari billi sar "bank klimatiku"***[8] [9];	3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; jissottolinja li l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra,***mill-pożizzjoni kapitali solida tiegħu, minn kwalità u prestazzjoni tal-assi b'saħħithom ħafna; jinnota li bi klassifikazzjoni AAA soda, qafas ta' ġestjoni tar-riskju b'saħħtu u, ingranaġġ moderat, il-Grupp tal-BEI għandu s-saħħa finanzjarja meħtieġa biex iżid b'mod kostanti l-investimenti annwali tiegħu; jenfasizza*** li ***l-pożizzjoni finanzjarja tal-Bank tippermettilu jassorbi l-fluttwazzjonijiet potenzjali fir-redditi mingħajr ma jikkompromettli l-kapital tal-azzjonisti jew il-klassifikazzjoni tal-kreditu tiegħu, u għalhekk il-Bank għandu l-kapaċità li jieħu aktar riskju f'investimenti strateġiċi***;

[8] ***https://www.eib.org/en/investor-relations/index.***

[9] ***https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.***

Or. en

Emenda 67
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti; jissottolinja li l-klassifikazzjoni ***tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-BEI rrisponda għall-objettivi tal-politika***	3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija vantaġġ importanti ***li jrid jiġi ppreżervat***; jissottolinja li l-klassifikazzjoni ***hija***

tal-UE, b'mod partikolari billi sar "bank klimatiku"[8] [9];	***minħabba deċiżjonijiet ta' self prudenti***;
[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.	
[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.	

Or. en

Emenda 68
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija ***vantaġġ importanti***; jissottolinja li ***l-klassifikazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-BEI rrisponda għall-objettivi*** tal-politika tal-UE, ***b'mod partikolari billi sar*** "bank klimatiku"[8] [9];	3. Jisħaq li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI hija ***s-sinsla tal-kredibbiltà finanzjarja u l-kapaċità ta' self tiegħu***; jissottolinja li ***l-allinjament tal-Bank mal-objettivi*** tal-politika tal-UE, ***inkluż ir-rwol tiegħu bħala*** "bank klimatiku"[8] [9]; ***irid jiġi segwit b'mod li jissalvagwardja l-indipendenza finanzjarja, il-profil tar-riskju tiegħu u s-sostenibbiltà fit-tul; jenfasizza li ż-żamma tal-klassifikazzjoni AAA hija essenzjali biex tinżamm il-fiduċja tal-investituri u jitrażżnu l-ispejjeż tas-self;***
[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.	[8] https://www.eib.org/en/investor-relations/index.
[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.	[9] https://www.eib.org/files/fi/external/2025-02-10_Ratings_EIB.pdf, p.3.

Or. en

Emenda 69

Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
u żvilupp, inkluż ta' teknoloġiji innovattivi, għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima;	u żvilupp, inkluż ta' teknoloġiji innovattivi, għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima; ***jappella għat-titjib tal-aċċess għall-finanzjament mill-SMEs f'teknoloġiji ekoloġiċi innovattivi;***

Or. en

Emenda 194
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***ta' aktar*** investiment fl-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ aktar riċerka u żvilupp, ***inkluż*** ta' teknoloġiji innovattivi, ***għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima***;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***li jinżamm livell għoli ta'*** investiment fl-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ***, madankollu, il-finanzjament ta' proġetti u*** aktar riċerka u żvilupp, ta' teknoloġiji innovattivi, ***inkluż barra mill-isfera strettament ambjentali***;

Or. it

Emenda 195
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar investiment fl-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ aktar riċerka u żvilupp, inkluż ta' teknoloġiji innovattivi, għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar investiment fl-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima ***filwaqt li tiġi rrispettata n-natura mmexxija mid-domanda tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI***; iħeġġeġ aktar riċerka u żvilupp, inkluż ta' teknoloġiji innovattivi, għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 196
Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar investiment fl-adattament u r-reżiljenza*** għat-tibdil fil-klima; ***iħeġġeġ aktar riċerka u żvilupp, inkluż ta' teknoloġiji innovattivi, għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima***;	14. ***Jirrikonoxxi l-importanza tal-adattament*** għat-tibdil fil-klima; ***jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa li jiġi pprevenut li l-aġenda klimatika tal-BEI tieħu preċedenza fuq oqsma ewlenin oħra, bħad-difiża, is-sigurtà u r-reżiljenza ekonomika***;

Or. cs

Emenda 197
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ***aktar*** investiment fl-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ aktar riċerka u żvilupp, inkluż ta' teknoloġiji innovattivi, għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investiment fl-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ aktar riċerka u żvilupp, inkluż ta' teknoloġiji innovattivi, għat-tħejjija għat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 198
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

14a. Jistieden lill-BEI jestendi l-interventi finanzjarji tiegħu għal dawk is-setturi u l-komunitajiet li qed isofru minn impatt negattiv fuq l-impjiegi bħala riżultat tat-tranżizzjoni ekoloġika; jisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġjati r-rikonverżjoni industrijali, it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u l-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjieg fit-territorji l-aktar affettwati, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni kompetittiva, ġusta u soċjalment sostenibbli;

Or. it

Emenda 199
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Ifakkar li l-BEI kien l-ewwel emittent ta' bond ekoloġiku u issa huwa l-akbar emittent f'diversi muniti ta' bonds ekoloġiċi; jilqa' l-fatt li fit-2 ta' April 2025, il-BEI ħareġ l-ewwel Bonds għal Kuxjenza Dwar il-Klima tiegħu allinjati mar-Regolament[9a] dwar l-Istandard tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej[9a]; jenfasizza r-rwol ewlieni tal-BEI fl-iżvilupp tas-suq tal-bonds ekoloġiċi, billi jipprovdi soluzzjonijiet ta' finanzjament lil kumpaniji sostenibbli;
	[9a] Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj

)

Or. en

Emenda 200
Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jinnota li l-klassifikazzjoni unilaterali tal-BEI bħala "bank klimatiku" mhijiex sostenibbli fl-isfond ta' theddid dejjem akbar għas-sigurtà, staġnar ekonomiku u d-dipendenza teknoloġika tal-UE; jistieden lill-BEI jivvaluta mill-ġdid il-prijoritajiet strateġiċi tiegħu u jibdel il-finanzjament tiegħu lejn oqsma b'valur miżjud ogħla għaċ-ċittadini, bħad-difiża, l-industrija, l-innovazzjoni u l-awtosuffiċjenza enerġetika;

Or. cs

Emenda 201
César Luena, Francisco Assis, Jonás Fernández, Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jilqa' l-investimenti tal-BEI fil-protezzjoni tal-bijodiversità u fil-preżervazzjoni tar-riżorsi naturali; jistieden lill-BEI jestendi l-objettivi ta' finanzjament għar-restawr, għall-konservazzjoni u għall-protezzjoni tal-bijodiversità u tan-natura;

Or. en

Emenda 202
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Itenni li l-produttività tal-investimenti għandha tkun id-determinant ewlieni għall-finanzjament; filwaqt li fatturi bħall-kriterji ESG huma ta' natura sekondarja;

Or. en

Emenda 203
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Ifakkar li t-tranżizzjoni ekoloġika trid tkun inklużiva u ġusta, li l-investimenti ekoloġiċi jridu jkunu vijabbli u jistenna li l-BEI, għalhekk, jimmobilizza s-self, l-istrumenti finanzjarji, l-assistenza teknika u s-servizzi konsultattivi tiegħu biex jappoġġja liċ-ċittadini u lin-negozji li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi li jirriżultaw mill-isforzi tagħhom biex jiksbu newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2025; jistieden lill-BEI jappoġġja proġetti li jagħtu aċċess affordabbli għal enerġija rinnovabbli, akkomodazzjoni u servizzi pubbliċi, inizjattivi mmexxija mill-komunità u proġetti żgħar b'enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku bħala prijorità;

Or. en

Emenda 204
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-BEI jżid is-sehem tal-investiment fl-appoġġ għall-industriji intensivi fl-enerġija, sabiex dan is-settur strateġiku ħafna jkun jista' jindirizza t-tranżizzjoni tal-enerġija bil-għan li jiġu evitati xokkijiet fl-impjiegi u tiġi difiża l-kompetittività ta' dawn l-industriji kontra kompetizzjoni barra mill-UE li hija ffaċilitata minn standards ambjentali aktar baxxi;

Or. it

Emenda 205
César Luena, Francisco Assis, Jonás Fernández, Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Ifakkar li sabiex jinkisbu l-benefiċċji fit-tul tar-restawr, tal-konservazzjoni u tal-protezzjoni tal-bijodiversità u tan-natura, għandhom ikunu disponibbli skemi ta' finanzjament attraenti għall-benefiċjarji potenzjali biex jinvolvu ruħhom f'tali prattiki fuq bażi volontarja;

Or. en

Emenda 206

Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Ifakkar li t-teknoloġija nadifa ssaħħaħ is-sovranità tal-UE u hija essenzjali għall-kompetittività, iżda għadha qed tiffaċċja sfidi ta' finanzjament saħansitra akbar minħabba l-primjum ekoloġiku fuq it-teknoloġiji eżistenti; iħeġġeġ, għalhekk, lill-BEI jirrispetta r-rwol tiegħu bħala l-bank klimatiku u jkompli jagħti prijorità lill-investimenti fit-teknoloġija nadifa; jenfasizza li r-rapport ta' Draghi jappella għal aktar skemi ta' garanzija pubblika u kontrogaranzija biex ikopru r-riskji ta' investimenti ta' proġetti ta' manifattura ta' teknoloġija nadifa;

Or. en

Emenda 207
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-indirizzar tal-isfidi ***fl-infrastruttura soċjali, il-politika ta' koeżjoni u l-akkomodazzjoni***	L-indirizzar tal-isfidi

Or. en

Emenda 208
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-BEI biex isaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-Ewropa u politika ta' koeżjoni moderna għal tkabbir inklużiv u sostenibbli madwar l-Ewropa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 209
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-BEI biex isaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-Ewropa u politika ta' koeżjoni moderna għal tkabbir inklużiv u sostenibbli madwar l-Ewropa;	15. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-BEI biex isaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-Ewropa u politika ta' koeżjoni moderna għal tkabbir inklużiv u sostenibbli madwar l-Ewropa; ***japprezza li fl-Orjentazzjoni dwar il-Koeżjoni 2021-2027 tiegħu, il-BEI impenja ruħu li jiddedika mill-anqas 40 % tal-finanzjament totali tiegħu fl-UE bejn l-2022 u l-2024 għal proġetti fir-reġjuni ta' koeżjoni, u li fl-2024, tali finanzjament kien jammonta għal 48 % tal-għoti b'self totali tal-UE; jistieden lill-BEI jagħti prijorità lill-appoġġ għall-iżvilupp tal-infrastruttura, inklużi l-investimenti fil-ferroviji, fil-kura tas-saħħa u fl-infrastruttura soċjali, li huma kruċjali għall-koeżjoni, għar-reżiljenza u għat-tkabbir inklużiv;***

Or. en

Emenda 210
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-BEI biex isaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-Ewropa u politika ta' koeżjoni moderna għal tkabbir inklużiv u sostenibbli madwar l-Ewropa;	15. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-BEI biex isaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-Ewropa u politika ta' koeżjoni moderna għal tkabbir inklużiv u sostenibbli madwar l-Ewropa; ***jistieden lill-BEI jagħti prijorità lill-proġetti b'impatt soċjali pożittiv; jenfasizza li fost l-inċertezzi ġeopolitiċi u ekonomiċi, il-BEI jista' jipprovdi soluzzjonijiet fit-tul biex jindirizza l-kriżi tal-għoli tal-ħajja;***

Or. en

Emenda 211
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-BEI biex isaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-Ewropa u politika ta' koeżjoni moderna għal tkabbir inklużiv u sostenibbli madwar l-Ewropa;	15. Jilqa' l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-BEI biex isaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-Ewropa u politika ta' koeżjoni moderna għal tkabbir inklużiv u sostenibbli madwar l-Ewropa; ***jeżiġi f'dan il-kuntest strument ġenwin għall-ġlieda kontra l-faqar u l-iżvantaġġi reġjonali;***

Or. en

Emenda 212
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll fis-saħħa, f'konformità mar-rapport ta' Draghi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 213
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll fis-saħħa***, *f'konformità mar-rapport ta' Draghi***;	16. ***Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-iżvilupp tal-ħiliet fl-ixprunar tat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività fit-tul fl-UE; jissottolinja li l-inizjattivi ta' finanzjament li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-kapital uman jikkontribwixxu mhux biss għall-innovazzjoni u għall-produttività, iżda wkoll għall-koeżjoni soċjali u għar-reżiljenza ekonomika;*** jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll fis-saħħa;

Or. en

Emenda 214
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll fis-saħħa, f'konformità mar-rapport ta' Draghi;	16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll fis-saħħa, f'konformità mar-rapport ta' Draghi***, b'rispett sħiħ tal-mandat tal-BEI u f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni mal-***

inizjattivi tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma, filwaqt li jikkomplementa u jżid il-valur għal tali inizjattivi;

Or. en

Emenda 215
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier, Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll fis-saħħa, f'konformità mar-rapport ta' Draghi;	16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll fis-saħħa, f'konformità mar-rapport ta' Draghi***, filwaqt li jirrispetta l-kompetenza primarja tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma***;

Or. en

Emenda 216
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-BEI jżid ***l-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ*** mill-ġdid, kif ukoll ***fis-saħħa***, f'konformità mar-rapport ta' Draghi;	16 Jistieden lill-BEI jżid ***l-appoġġ tiegħu għal proġetti ta' edukazzjoni, taħriġ, titjib tal-ħiliet u taħriġ*** mill-ġdid, kif ukoll ***tas-saħħa***, f'konformità mar-rapport ta' Draghi ***u filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali***;

Or. es

Emenda 217

Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, ***it-taħriġ***, ***it-titjib*** tal-ħiliet u ***t-taħriġ*** mill-ġdid***, kif ukoll fis-saħħa,*** f'konformità mar-rapport ta' Draghi;	16. Jistieden lill-BEI jżid l-investimenti fl-edukazzjoni, ***fit-taħriġ***, ***fit-titjib*** tal-ħiliet u ***fit-taħriġ*** mill-ġdid, ***fis-saħħa u f'network ferrovjarju pan-Ewropew***, f'konformità mar-rapport ta' Draghi;

Or. en

Emenda 218
Dirk Messner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li jindirizza l-falliment doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni deċenti, sikura u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza enerġetika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 219
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jilqa' l-impenn*** tal-BEI li ***jindirizza l-falliment doppju tas-suq*** fis-settur tal-akkomodazzjoni***, inkluża l-provvista***	17. ***Jieħu nota tal-impenn*** tal-BEI li ***jkun attiv*** fis-settur tal-akkomodazzjoni, ***filwaqt li jfakkar li l-akkomodazzjoni hija***

insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni deċenti, sikura u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza enerġetika;	***kompetenza tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 220
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li jindirizza l-falliment doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni deċenti, sikura u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza enerġetika;	17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li jindirizza l-falliment doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni deċenti, sikura u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza enerġetika; ***jinnota d-differenza kemm fil-politiki kif ukoll fid-daqs tal-fallimenti tas-suq imsemmija hawn fuq bejn l-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 221
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li jindirizza l-falliment doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni deċenti, sikura u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza enerġetika;	17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li jindirizza l-falliment doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni deċenti, sikura u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza enerġetika;

jistieden lill-BEI jappoġġja proġetti li jagħtu aċċess bi prezz raġonevoli għal enerġija rinnovabbli, akkomodazzjoni u servizzi pubbliċi, inizjattivi mmexxija mill-komunità u proġetti żgħar b'enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku;

Or. en

Emenda 222
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li ***jindirizza l-falliment*** doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni ***deċenti, sikura u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza enerġetika***;	17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li ***jagħti appoġġ għall-falliment*** doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni***; ifakkar li dan l-appoġġ għandu jkollu bħala punt ta' tluq kollaborazzjoni pubblika-privata;***

Or. es

Emenda 223
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li ***jindirizza l-falliment*** doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni ***deċenti, sikura*** u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq li ***jxejjen id-diskrepanza fl-effiċjenza*** enerġetika;	17. Jilqa' l-impenn tal-BEI li ***jikkontribwixxi għall-isfida li jiġi indirizzat il-falliment*** doppju tas-suq fis-settur tal-akkomodazzjoni, inkluża l-provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni ***ġdida li tkun affordabbli*** u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll il-falliment tas-suq ***li tiżdied l-effiċjenza*** enerġetika ***tal-istokk ta' akkomodazzjoni eżistenti***;

Or. en

Emenda 224
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-BEI jżid l-appoġġ finanzjarju permezz tal-varar ta' prodotti finanzjarji standardizzati kummerċjalment disponibbli fir-rinnovazzjoni enerġetika u tal-bini; jenfasizza li l-mudell "oriġina u ddistribwixxi" tal-BEI, li jwassal għat-tfaddil tal-investituri istituzzjonali, huwa mudell innovattiv li jista' jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE;

Or. en

Emenda 225
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilqa' l-"Pjan*** ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; ***jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta' bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta' akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità***	18. ***Jieħu nota tal-"Pjan*** ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin;

addizzjonali kull sena;

Or. en

Emenda 226
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilqa' l-"Pjan*** ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta' bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta' akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena;	18. ***Jieħu nota tal-"Pjan*** ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta' bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta' akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena;

Or. en

Emenda 227
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-"Pjan ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-	18. Jilqa' l-"Pjan ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-

investiment stmata ta’ bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta’ akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena;	investiment stmata ta’ bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta’ akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena; ***iqis li l-politika tad-djar tal-BEI għandha tirreferi għall-qafas tan-NU dwar id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata, inklużi l-karatteristiċi ssottolinjati mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, fejn l-affordabbiltà hija wieħed mis-seba’ kriterji li jiddefinixxu d-dritt għal akkomodazzjoni adegwata bħala dritt tal-bniedem;***

Or. en

Emenda 228
Dirk Messner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa’ l-“Pjan ta’ Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli” tal-BEI b’investimenti ppjanati ta’ EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta’ analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta’ bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta’ akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena;	18. Jilqa’ l-“Pjan ta’ Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli” tal-BEI b’investimenti ppjanati ta’ EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta’ analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta’ bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta’ akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li l-BEI jżomm il-klassifikazzjoni u l-istatus tiegħu bħala bank ta’ investiment bi klassifikazzjoni tal-kreditu AAA;***

Or. en

Emenda 229

Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-"Pjan ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta' bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta' akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena;	18. Jilqa' l-"Pjan ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta' bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta' akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena; ***ifakkar li dan l-investiment għandu jsir b'fondi privat sabiex tiġi evitata dipendenza qawwija fuq ir-riżorsi pubbliċi;***

Or. es

Emenda 230
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-"Pjan ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta' bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta' akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena;	18. Jilqa' l-"Pjan ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" tal-BEI b'investimenti ppjanati ta' EUR 10 biljun matul is-sentejn li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-eżitu tal-laqgħa ta' analiżi u tal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI, li enfasizzat diskrepanza annwali fl-investiment stmata ta' bejn EUR 300 u 400 biljun meħtieġa biex jinbnew 1,5 miljun unità ta' akkomodazzjoni ġdida u biex jiġu rinnovati 5 miljun unità addizzjonali kull sena; ***iheġġeġ lill-BEI jimmobilizza***

saħansitra aktar finanzjament għal proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli fost l-Istati Membri; jistieden lill-Bank jiffoka fuq l-iżvilupp urban sostenibbli billi jiżgura li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni u tal-infrastruttura tal-UE għal Ewropa aktar b'saħħitha, aktar koeżiva u prospera;

Or. en

Emenda 231
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-BEI jqis il-piż differenzjat tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni fuq gruppi ta' introjtu u strutturi tal-familja differenti, speċjalment peress li xi gruppi b'introjtu baxx jinsabu f'riskju ta' emarġinazzjoni; jistieden lill-BEI jistabbilixxi miri konkreti għas-sehem ta' proġetti dwar l-akkomodazzjoni għall-gruppi l-aktar vulnerabbli u b'introjtu baxx, u jassenja kapaċità ta' investiment konkreta għal akkomodazzjoni soċjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija, mingħajr skop ta' qligħ u ta' kwalità għolja għal dawk il-gruppi; iħeġġeġ lill-BEI jikkollabora ma' banek Ewropej oħra ta' investiment pubbliku, istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi lokali, gvernijiet lokali u kumpaniji kooperattivi u soċjali tal-akkomodazzjoni biex jiġu ffinanzjati soluzzjonijiet għall-akkomodazzjoni għal gruppi vulnerabbli u b'introjtu;

Or. en

Emenda 232
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jilqa' l-inklużjoni min-naħa tal-Grupp tal-BEI tal-agrikoltura u l-bijoekonomija fost il-prijoritajiet ewlenin tiegħu; jissottolinja li l-agrikoltura hija mutur ewlieni tat-tkabbir u l-iżvilupp fiż-żoni rurali u li t-tisħiħ tal-appoġġ u t-trawwim tal-innovazzjoni għal dan is-settur vitali għandhom rwol sinifikanti fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel; jenfasizza l-isfidi finanzjarji li jiffaċċjaw il-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, filwaqt li jinnota li l-bdiewa u l-intrapriżi f'dan is-settur jesperjenzaw rati ta' suċċess aktar baxxi meta japplikaw għall-finanzjament; jistieden lill-Grupp tal-BEI jżid l-involviment tiegħu fis-settur agrikolu billi jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament;

Or. en

Emenda 233
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-BEI jżid l-impenn tiegħu għall-impjieg taż-żgħażagħ, b'mod partikolari billi jappoġġja proġetti u investimenti mmirati lejn reġjuni insulari u żoni b'ekonomija batuta tal-UE; jitlob lill-BEI jalloka riżorsi speċifiċi għal programmi li jippromwovu l-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ, l-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali u l-innovazzjoni, sabiex

jikkontribwixxi għal żvilupp territorjali aktar ġust u inklużiv u biex jiskoraġġixxi l-eżodu ta' mħuħ;

Or. it

Emenda 234
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jilqa' l-intenzjoni tal-BEI li jespandi l-appoġġ finanzjarju u konsultattiv għal akkomodazzjoni affordabbli, speċjalment għall-ġenerazzjonijiet iż-żgħar u li jagħmel enfasi akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni; jinkoraġġixxi sinerġija mill-qrib u skambju mal-Kummissjoni, mal-muniċipalitajiet u mal-awtoritajiet lokali, mal-fornituri kooperattivi tal-akkomodazzjoni, mal-assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni u mas-settur tal-kostruzzjoni li jiskambjaw l-aħjar prattiki u jippromwovu l-kooperazzjoni pan-Ewropea jew tal-anqas proġetti tranżnazzjonali;

Or. en

Emenda 235
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Filwaqt li jitqies li l-akbar ħtieġa soċjali f'termini ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni tinstab fost l-unitajiet

domestiċi b'introjtu aktar baxx, il-prodott finanzjarju tal-"Pjan ta' Azzjoni għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli" mhuwiex adatt għal dak il-għan;

Or. en

Emenda 236
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jibża' li jekk is-self għar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni jiġi raggruppat u mibjugħ lil investituri oħra, dan joħloq ħafna riskji mhux trasparenti, u fl-aħħar mill-aħħar iwassal biex is-sidien tad-djar ma jkunux jistgħu jħallsu lura s-self tagħhom peress li ma jkunux jistgħu jħallsu l-ipoteki tagħhom minħabba introjtu insuffiċjenti;

Or. en

Emenda 237
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jistieden lill-BEI jżomm lura milli jinvolvi ruħu fi skemi ta' finanzjament riskjużi; jissottolinja li d-deċiżjonijiet tal-BEI dwar l-investiment fl-akkomodazzjoni ma għandhomx ikunu bbażati biss fuq l-ammont ta' finanzjament privat immobilizzat permezz tat-tnaqqis tar-riskji tal-investituri;

Or. en

Emenda 238
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-investiment fl-akkomodazzjoni jiġi dirett lejn l-irkupru ta' assi infrastrutturali eżistenti, kemm pubbliċi kif ukoll privati, filwaqt li tingħata prijorità lill-appoġġ għal proġetti ta' riġenerazzjoni urbana u l-irranġar mill-ġdid ta' bini antik/abbandunat fi spazji soċjali moderni ta' akkomodazzjoni;

Or. it

Emenda 239
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; ***jenfasizza li*** l-investiment ***f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun***, ***bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun***; ***jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;***	19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; ***jinnota bi tħassib li għalkemm il-BEI neħħa xi restrizzjonijiet interni biex jaġevola l-finanzjament tad-difiża, it-tħassib dwar ir-reputazzjoni u l-burokrazija għadu jfixkel*** l-investiment ***privat fl-industrija tad-difiża Ewropea, u possibbilment jimmina l-objettivi tal-pjan ReArm Europe; ifakkar li l-investimenti fil-produzzjoni ta' armi kontroversjali ma jistgħux jitqiesu allinjati mat-tassonomija; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk din l-esklużjoni għadhiex xierqa fid-dawl tal-ħtiġijiet ġeopolitiċi attwali; jinnota, f'dan***

il-kuntest, li l-Kummissjoni tista' temporanjament tieħu pożizzjoni anqas stretta billi tħassar l-indikatur 14 mill-Anness I, it-Tabella 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288; jemmen li, jekk il-qafas regolatorju jiġi aġġustat kif xieraq, il-BEI għandu jirrevedi l-Politika ta' Esklużjoni tiegħu f'konformità ma' tali bidliet; iqis li dan joħloq effetti konsegwenzjali pożittivi fuq il-banek kummerċjali, li l-iskoperturi tagħhom għal dawn il-kumpaniji mbagħad jistgħu jingħaddu mal-proporzjonijiet tal-assi ekoloġiċi tagħhom*, ***u b'hekk jiġi lliberat il-kapital privat għall-bażi industrijali Ewropea tad-difiża filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament mat-tassonomija***;

Or. en

Emenda 240
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun****; ***jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;*	19. ***Jistieden lill-BEI jiffoka fuq kompetenzi ewlenin bħall-espansjoni u l-immodernizzar tal-infrastruttura ċivili pan-Ewropea bħal ferroviji b'veloċità għolja u networks tal-elettriku li jipprovdu benefiċċji tanġibbli lill-ekonomiji u lis-soċjetajiet; kif previst fl-Artikolu 309 tat-TFUE, il-BEI għandu jikkontribwixxi "għall-iżvilupp ekwilibrat u regolari tas-suq intern fl-interess tal-Unjoni"****;

Or. en

Emenda 241
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jilqa'*** l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li ***l-investiment*** f'dan is-settur ***irdoppja*** fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; ***jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;***	19. ***Jinnota*** l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li ***l-ispiża*** f'dan is-settur ***irdoppjat*** fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun;

Or. en

Emenda 242
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jilqa'*** l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;	19. ***Jiddeplora*** l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri; ***jisħaq f'dan il-kuntest li f'nofs kriżi soċjali u ekonomika, hemm bżonn ta' investimenti soċjali u ambjentali, aktar milli investimenti fl-armi;***

Or. en

Emenda 243
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ***ibbażat*** fuq ***is-solidarjetà, huwa essenzjali*** biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;	19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ***li ma jistax ikun ibbażat*** fuq ***is-self konġunt, jista' jikkontribwixxi b'mod benefiċjarju*** biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 244
Dirk Messner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; ***jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;***	19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun;

Or. en

Emenda 245
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; ***jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri***;	19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; ***jilqa' d-deċiżjoni tal-BEI li jespandi l-eliġibbiltà għall-investimenti fis-sigurtà u d-difiża bil-għan li jiġi żgurat li l-attivitajiet esklużi jkollhom kemm jista' jkun ambitu limitat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel aktar biex tappoġġja l-isforzi għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 246
Ľudovít Ódor, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq ***li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri***;	19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq ***fuq il-ħtieġa li dawn l-investimenti jiġu kkonċentrati fi proġetti li jwasslu valur miżjud Ewropew, u b'mod partikolari teknoloġija b'użu doppju***;

Or. en

Emenda 247
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' ***l-approċċ*** proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;	19. Jilqa' ***l-pjan direzzjonali strateġiku tal-BEI li jieħu approċċ*** proattiv fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; ***jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-BEI, bħala l-fergħa tas-self tal-Unjoni Ewropea, biex iżid l-appoġġ għall-industrija Ewropea tas-sigurtà u d-difiża, speċifikament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej; jilqa' f'dak ir-rigward id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/504 tal-11 ta' Marzu 2025 li temenda l-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment, li tippermetti lill-BEI jżid il-kapaċità ta' self tiegħu f'oqsma strateġiċi, bħall-industrija Ewropea tad-difiża***; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 248
Christophe Gomart, Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta'	19. Jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza li l-investiment f'dan is-settur irdoppja fl-2024 għal EUR 1 biljun, bil-BEI jippjana li jerġa' jirdoppja dan l-ammont fl-2025 għal rekord ta' EUR 2 biljun; ***jinnota, madankollu, li dawn l-ammonti jirrappreżentaw anqas minn 1,1 % tal-investimenti tal-BEI għas-sena 2024***

finanzjament tal-Istati Membri;

(EUR 88,8 biljun), u 2,2 % tal-objettivi ta' finanzjament tiegħu għall-2025 (EUR 95 biljun) u li se jkopru biss parti żgħira mill-ħtieġa ta' finanzjament ġdid għall-kumpaniji tad-difiża, stmata bejn EUR 33,6 biljun u EUR 48 biljun sal-2030, biex tiġi ssodisfata ż-żieda fl-ordnijiet mistennija fl-ambitu tal-pjan ReArm Europe; jisħaq li l-finanzjament fil-livell Ewropew, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 249
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-BEI ma jkomplix jiżviluppa l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-finanzjament ta' tagħmir, infrastrutturi, servizzi u teknoloġiji militari, u jiffoka fuq l-isfidi soċjali u ekoloġiċi aktar milli fuq l-appoġġ għal investimenti militari diġà profittabbli;

Or. en

Emenda 250
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt l-politika ta' investiment tal-BEI tkompli teskludi l-"armi u l-munizzjon" bl-istess

mod bħat-"tabakk" u l-"logħob tal-azzard"; jirrakkomanda li l-BEI jirrestrinġi l-politika ta' esklużjoni tiegħu għal-lista uffiċjali ta' "armi pprojbiti" (mini kontra l-persunal, munizzjon dispersiv, armi kimiċi u armi bijoloġiċi);

Or. en

Emenda 251
Jaroslava Pokorná Jermanová, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jilqa' l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Grupp tal-BEI għall-Industrija tas-Sigurtà u d-Difiża u jistieden lill-Grupp tal-BEI jkompli jappoġġja proġetti b'użu doppju f'konformità mal-prinċipju ta' użu ċivili kredibbli; jisħaq fuq l-importanza ta' strumenti li jappoġġjaw l-industrija tad-difiża, l-innovazzjoni u l-SMEs, b'mod partikolari permezz ta' proċessi ta' aċċess simplifikati u assistenza teknika;

Or. cs

Emenda 252
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Jilqa' l-pjan*** tal-BEI li jirrevedi l-qafas operattiv tiegħu, li jistabbilixxi għan ta' politika pubblika trasversali ddedikat biex isaħħaħ il-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa, appoġġjat minn allokazzjoni finanzjarja u	20. ***Jieħu nota tal-pjan*** tal-BEI li jirrevedi l-qafas operattiv tiegħu, li jistabbilixxi għan ta' politika pubblika trasversali ddedikat biex isaħħaħ il-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa, appoġġjat minn

kapitali ambizzjuża[10];	allokazzjoni finanzjarja u kapitali ambizzjuża[10];
[10] Ittra tal-President tal-BEI Nadia Calviño lill-mexxejja tal-UE tal-4 ta' Marzu 2025.	[10] Ittra tal-President tal-BEI Nadia Calviño lill-mexxejja tal-UE tal-4 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 253
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-pjan tal-BEI li jirrevedi l-qafas operattiv tiegħu, li jistabbilixxi għan ta' politika pubblika trasversali ddedikat biex isaħħaħ il-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa, appoġġjat minn allokazzjoni finanzjarja u kapitali ambizzjuża[10];	20. Jilqa' l-pjan tal-BEI li jirrevedi l-qafas operattiv tiegħu, li jistabbilixxi għan ta' politika pubblika trasversali ddedikat biex isaħħaħ il-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa, appoġġjat minn allokazzjoni finanzjarja u kapitali ambizzjuża[10]; ***jilqa' l-integrazzjoni tal-Inizjattiva Strateġika għas-Sigurtà Ewropea għall-2022 tal-Grupp tal-BEI f'objettiv pubbliku ta' politika permanenti u trażversali; jisħaq li investiment akbar tal-BEI fis-settur tad-difiża jista' jinkoraġġixxi l-investiment tal-banek kummerċjali fis-settur;***
[10] Ittra tal-President tal-BEI Nadia Calviño lill-mexxejja tal-UE tal-4 ta' Marzu 2025.	[10] Ittra tal-President tal-BEI Nadia Calviño lill-mexxejja tal-UE tal-4 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 254
Dirk Messner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-pjan tal-BEI li jirrevedi l-qafas operattiv tiegħu, li jistabbilixxi għan ta' politika pubblika trasversali ddedikat biex isaħħaħ il-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa, appoġġjat minn allokazzjoni finanzjarja u kapitali ambizzjuża[10];	20. Jilqa' l-pjan tal-BEI li jirrevedi l-qafas operattiv tiegħu ***u jwessa' l-ambitu tal-finanzjament relatat mad-difiża tiegħu***, li jistabbilixxi għan ta' politika pubblika trasversali ddedikat biex isaħħaħ il-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa, appoġġjat minn allokazzjoni finanzjarja u kapitali ambizzjuża[10];
[10] Ittra tal-President tal-BEI Nadia Calviño lill-mexxejja tal-UE tal-4 ta' Marzu 2025.	[10] Ittra tal-President tal-BEI Nadia Calviño lill-mexxejja tal-UE tal-4 ta' Marzu 2025.
	Or. en

Emenda 255
Christophe Gomart, Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jilqa' l-inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Grupp tal-BEI biex jistabbilixxu, permezz tas-sussidjarja tiegħu l-FEI, fond ta' fondi msejjaħ il-"Faċilità ta' Ekwità għad-Difiża", b'baġit ta' EUR 175 miljun bejn l-2024 u l-2027, ħalli jappoġġjaw l-investiment privat fl-SMEs Ewropej li jiżviluppaw teknoloġiji innovattivi ta' difiża b'użu doppju; iħeġġeġ lill-BEI biex tal-anqas jirdoppja l-volum ta' dan il-fond biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' finanzjament mill-ekwità tal-kumpaniji tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), stmati għal bejn EUR 6,8 biljun u EUR 20 biljun sal-2030, ħalli jissodisfa ż-żieda fl-ordnijiet antiċipati fl-ambitu tal-pjan ReArm Europe;
	Or. en

Emenda 256
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jirrikonoxxi d-deċiżjoni tal-Bord tal-BEI tal-21 ta' Marzu 2025 li jwessa' l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Grupp tal-BEI għall-investimenti fis-sigurtà u d-difiża, filwaqt li jillimita l-attivitajiet esklużi, f'konformità mal-proposti approvati mill-mexxejja tal-UE fil-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu, u li l-Inizjattiva Strateġika għas-Sigurtà Ewropea (SESI) attwali tal-BEI ta' EUR 8 biljun se tiġi integrata f'objettiv ta' politika pubblika permanenti u trażversali, li jikkomplementa l-għanijiet ta' politika pubblika eżistenti;

Or. en

Emenda 257
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jilqa' r-rwol kontinwu u msaħħaħ tal-BEI fit-tishiħ tas-sigurtà tal-Ewropa permezz ta' investimenti mmirati kemm fl-infrastruttura tad-difiża kif ukoll f'dik ċivili; jissottolinja l-importanza ta' investimenti strateġiċi f'teknoloġiji b'użu doppju li jikkontribwixxu kemm għall-objettivi ċivili kif ukoll għad-difiża, f'konformità mal-għanijiet ġenerali tal-UE li trawwem l-innovazzjoni, u li ttejjeb is-sigurtà u r-reżiljenza tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 258
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jilqa' l-integrazzjoni tal-Inizjattiva Strateġika għas-Sigurtà Ewropea (SESI) f'għan ta' politika pubblika għall-BEI; jinnota li l-investimenti fis-sigurtà u d-difiża ma għandhomx ikunu limitati għal proġetti b'użu doppju u jistgħu jestendu l-każijiet ta' użu tagħhom ferm lil hinn mill-innovazzjoni militari, u b'hekk ikollhom impatt anke fuq il-kompetittività industrijali u t-tkabbir ekonomiku;

Or. en

Emenda 259
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Bord tal-BEI tal-21 ta' Marzu 2025 li mhux se jkun hemm limitu massimu fiss għall-investimenti fis-sigurtà u d-difiża, b'ammonti ta' finanzjament li għandhom jiġu ddeterminati kull sena fil-Pjan Operazzjonali tal-Grupp tal-BEI; jistieden lill-BEI jiċċara b'mod urġenti l-implikazzjonijiet potenzjali ta' din id-deċiżjoni għal oqsma ta' politika oħra u l-operazzjonijiet ġenerali tal-bank;

Or. en

Emenda 260
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp u jiżgura finanzjament effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi oħra tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 261
Anouk Van Brug, Stéphanie Yon-Courtin, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp u jiżgura finanzjament effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi oħra tal-UE***;	21. ***Jistieden lill-Istati Membri jemendaw il-lista ta' esklużjoni tal-BEI sabiex jippermettu l-finanzjament tal-armi u l-munizzjon u jmorru lil hinn minn sempliċi teknoloġiji b'użu doppju, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-industrija Ewropea tad-difiża u s-sigurtà Ewropea***;

Or. en

Emenda 262
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp u jiżgura finanzjament effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi oħra tal-UE;	21. ***Jilqa' l-fatt li f'Mejju 2024, il-Bord tad-Diretturi tal-BEI approva l-Pjan ta' Azzjoni għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Grupp tal-BEI, li għandu l-għan li jappoġġja l-industrija tas-sigurtà u d-difiża tal-UE; jinnota li, skont dan il-pjan, il-Grupp tal-BEI jipprovdi finanzjament lill-SMEs u lil negozji ġodda innovattivi li joperaw fis-settur tas-sigurtà u tad-difiża f'konformità mal-prinċipju ta' "użu doppju", filwaqt li jżomm ir-rekwiżit ta' "użu ċivili kredibbli" u ma jkomplix it-test tad-dħul; jitlob li l-ambitu tal-investimenti eliġibbli jiġi aġġustat aktar biex jissodisfa r-rwol ambizzjuż ħalli jkun hemm kontribut għall-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa li l-White Paper dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 tistabbilixxi għall-Grupp tal-BEI;*** iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp u jiżgura finanzjament effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi oħra tal-UE;
	Or. en

Emenda 263
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp u jiżgura finanzjament effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi ***oħra*** tal-UE;	21. Iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp u jiżgura finanzjament effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi ***nazzjonali u*** tal-UE ***oħra***;

Or. en

Emenda 264
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp ***u jiżgura*** finanzjament ***effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi oħra tal-UE***;	21. Iwissi li kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp; ***jinnota li s'issa l-attivitajiet ta'*** finanzjament ***relatati mad-difiża jikkostitwixxu biss frazzjoni żgħira ħafna tal-karta tal-bilanċ tal-BEI***;

Or. en

Emenda 265
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza li l-innovazzjoni effettiva fid-difiża tiddependi minn kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-akkademja, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-industrija privata, filwaqt li r-rwol ewlieni tal-BEI huwa li jaġixxi bħala katalizzatur għall-istruttura ta' tali sħubijiet pubbliċi-privati fit-tul permezz ta' strumenti finanzjarji mmirati;

Or. en

Emenda 266

Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Iheġġeġ lill-BEI jivvaluta espansjoni ulterjuri tal-ambitu ta' finanzjament tiegħu biex jinkludi l-armi u l-munizzjon, fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jiġi żviluppat is-settur Ewropew tad-difiża u li jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà fit-tul u l-awtonomija strateġika;

Or. en

Emenda 267
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Iwissi li kwalunkwe espansjoni tal-mandat tal-BEI fil-qasam tal-finanzjament tas-sigurtà u d-difiża ma għandhiex tpoġġi f'riskju l-klassifikazzjoni ESG attwali tiegħu u l-kredenzjali ta' sostenibbiltà tiegħu;

Or. en

Emenda 268
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jinnota li filwaqt li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kellha skop speċifiku, il-governanza u l-effettività

tagħha ġew ikkontestati; jissottolinja li kwalunkwe finanzjament strutturali Ewropew għad-difiża fil-futur irid jitfassal b'kundizzjonalitajiet ċari u b'sorveljanza b'saħħitha;

Or. en

Emenda 269
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jenfasizza li l-BEI jiżvolġi rwol kruċjali b'mod partikolari fl-indirizzar ta' oqsma fejn hemm nuqqas ta' finanzjament privat; jistaqsi jekk f'dan l-istadju attwali, is-settur tad-difiża huwiex nieqes mill-appoġġ finanzjarju privat meħtieġ;

Or. en

Emenda 270
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jenfasizza li l-istimulazzjoni tal-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-sigurtà u d-difiża tista' twassal benefiċċji konsegwenzjali sinifikanti għal setturi bħaċ-ċibersigurtà, it-trasport, it-teknoloġiji tas-saħħa u l-intelliġenza artifiċjali; jinnota li fil-passat tali investimenti wrew li għandhom multiplikatur ta' aktar minn 1;

Or. en

Emenda 271
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-viċinat tal-BEI u l-Global Gateway	***imħassar***

Or. en

Emenda 272
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-appoġġ vitali tal-BEI għall-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa u illegali tar-Russja; jappella għal żieda fil-garanziji baġitarji tal-UE sabiex il-BEI jkun jista' jkompli jwettaq u jsaħħaħ l-operazzjonijiet tas-settur pubbliku u privat fl-Ukrajna;	***imħassar***

Or. en

Emenda 273
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-appoġġ vitali tal-BEI għall-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra ***ta' aggressjoni fuq skala sħiħa u illegali tar-Russja***; jappella għal żieda fil-garanziji baġitarji tal-UE sabiex il-BEI jkun jista'	22. Jilqa' l-appoġġ vitali tal-BEI għall-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra; jappella għal żieda fil-garanziji baġitarji tal-UE sabiex il-BEI jkun jista' jkompli jwettaq u jsaħħaħ l-operazzjonijiet tas-settur pubbliku u

jkompli jwettaq u jsaħħaħ l-operazzjonijiet tas-settur pubbliku u privat fl-Ukrajna;	privat fl-Ukrajna;

Or. en

Emenda 274
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-appoġġ vitali tal-BEI għall-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa u illegali tar-Russja; jappella għal żieda fil-garanziji baġitarji tal-UE sabiex il-BEI jkun jista' jkompli jwettaq u jsaħħaħ l-operazzjonijiet tas-settur pubbliku u privat fl-Ukrajna;	22. Jilqa' l-appoġġ vitali tal-BEI għall-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa***, mhux ġustifikata*** u illegali tar-Russja; jappella għal żieda fil-garanziji baġitarji tal-UE sabiex il-BEI jkun jista' jkompli jwettaq u jsaħħaħ l-operazzjonijiet tas-settur pubbliku u privat fl-Ukrajna***, filwaqt li jappoġġja l-isfidi ekonomiċi immedjati tal-Ukrajna, iżda jipprevedi wkoll ir-rikostruzzjoni tal-pajjiż, fuq perjodu ta' żmien medju u twil***;

Or. en

Emenda 275
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza li biex titnaqqas id-dipendenza minn pajjiżi terzi, il-varar ta' infrastruttura reżiljenti kkontrollata mill-Ewropa, b'mod partikolari fl-oqsma tal-komunikazzjonijiet bis-satellita, l-enerġija u l-loġistika għandu jkun prijorità;

Or. en

Emenda 276
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jilqa' r-rwol tal-BEI fl-inizjattiva Global Gateway bħala kruċjali għall-pożizzjoni globali tal-Ewropa u għall-promozzjoni tas-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli, l-iżvilupp sostenibbli, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;	***imħassar***

Or. en

Emenda 277
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Jilqa' r-rwol tal-BEI fl-inizjattiva Global Gateway bħala kruċjali għall-pożizzjoni globali tal-Ewropa u għall-promozzjoni tas-sistema*** multilaterali bbażata fuq ir-regoli, l-iżvilupp sostenibbli, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;	23. ***Jisħaq li, bħala parti mis-sett ta' għodod tal-azzjoni esterna tal-UE, il-Global Gateway għandu jkollha l-għan li tippromwovi sistema*** multilaterali bbażata fuq ir-regoli, l-iżvilupp sostenibbli, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u l-istat tad-dritt; ***jinnota li bħala l-bank ewlieni tal-iżvilupp tal-UE, il-BEI għandu rwol kruċjali fil-Global Gateway; huwa mħasseb madankollu dwar l-istandards ta' trasparenza dgħajfa, mid-diliġenza dovuta insuffiċjenti tad-drittijiet tal-bniedem u min-nuqqas ta' mekkaniżmi indipendenti tal-ilmenti rrapportati minn diversi organizzazzjonijiet; jiddeplora li l-BEI jimpenja biss 30 % tal-operazzjoni kondiviża tiegħu li tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ferm anqas mill-objettiv tal-UE ta' 85 %; jenfasizza l-***

	ħtieġa li l-BEI jinvolvi b'mod sistematiku lis-soċjetà ċivili u lill-komunitajiet lokali fl-istadji kollha tat-tfassil, tal-implimentazzjoni u tal-evalwazzjoni biex jiżgura li l-proġetti tal-Global Gateway jirrispondu għall-ħtiġijiet lokali, ikunu sensittivi għall-ġeneru u jagħtu riżultati ta' żvilupp sinifikattivi lil hinn minn sempliċi investimenti ekonomiċi; iqis li l-BEI għandu jalloka fondi b'mira definita għall-kumpaniji lokali meta jimplimenta proġetti ta' Global Gateway;

Or. en

Emenda 278
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jilqa' r-rwol tal-BEI fl-inizjattiva Global Gateway bħala kruċjali għall-pożizzjoni globali tal-Ewropa u għall-promozzjoni ***tas-sistema*** multilaterali ***bbażata fuq ir-regoli***, l-iżvilupp sostenibbli, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;	23. Jilqa' r-rwol tal-BEI fl-inizjattiva Global Gateway bħala kruċjali għall-pożizzjoni globali tal-Ewropa u għall-promozzjoni ***tad-dritt internazzjonali fis-sistema*** multilaterali, l-iżvilupp sostenibbli, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 279
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jilqa' r-rwol tal-BEI fl-inizjattiva Global Gateway bħala kruċjali għall-pożizzjoni globali tal-Ewropa u għall-promozzjoni tas-sistema multilaterali	23. Jilqa' r-rwol tal-BEI fl-inizjattiva Global Gateway bħala kruċjali għall-pożizzjoni globali tal-Ewropa u għall-promozzjoni tas-sistema multilaterali

bbażata fuq ir-regoli, ***l-iżvilupp sostenibbli***, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;	bbażata fuq ir-regoli, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

Or. es

Emenda 280
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Itenni l-appell tiegħu lill-BEI Globali biex jillimita l-operazzjonijiet ta' taħlit għall-oqsma fejn jistgħu jżidu l-valur għall-ekonomija lokali filwaqt li jevita l-esklużjoni tal-kapital privat u jiżgura li l-finanzjament imħallat ma jintużax għal servizzi pubbliċi essenzjali, b'mod partikolari s-saħħa, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali; ifakkar li l-għanijiet tal-politika tal-iżvilupp tal-UE, u b'mod partikolari l-għan li jissaħħaħ l-aċċess universali u affordabbli għall-kura tas-saħħa, għandhom jiggwidaw l-investimenti tal-BEI f'dan il-qasam, biex jiġu żgurati riżultati aħjar fil-qasam tas-saħħa għal kulħadd, u b'mod partikolari għan-nisa;

Or. en

Emenda 281
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistenna li l-attivitajiet globali tal-

BEI jirrispondu wkoll malajr għar-realtajiet li qed jevolvu u għall-ħtiġijiet urġenti; jenfasizza d-distakk fil-finanzjament tal-għajnuna għall-iżvilupp li jirriżulta mill-iffriżar tal-għajnuna tal-Istati Uniti; jappella għal inizjattivi konkreti biex jiġu pprevenuti kriżijiet umanitarji jew tas-saħħa, jiġu appoġġjati l-kummerċ pan-Afrikan, l-infrastruttura u l-integrazzjoni reġjonali, u jissaħħu r-rabtiet mal-Ewropa; jilqa' l-intenzjoni tal-BEI Globali li jżid l-operazzjonijiet ta' riskju ogħla, permessi mill-mandat tal-NDICI-Ewropa Globali;

Or. en

Emenda 282
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jilqa' l-isforzi tal-BEI, flimkien ma' disa' Banek Multilaterali tal-Iżvilupp oħra, biex isaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom fl-avvanz tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); jistieden lill-BEI jkompli jikkoopera ma' istituzzjonijiet bilaterali u multilaterali oħra biex jiżviluppa u japplika metodoloġiji komuni għall-analiżi tal-impatt tal-iżvilupp, bil-għan li jiġu żgurati impatti pożittivi u valur miżjud fit-tul;

Or. en

Emenda 283
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jissottolinja r-rwol importanti tal-BEI fl-appoġġ lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi terzi, jiġifieri dawk li huma kandidati għall-UE, fl-aċċess għas-swieq ta' kapital ta' riskju, filwaqt li jitwessgħu l-opportunitajiet għall-investiment;

Or. es

Emenda 284
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jinnota t-tnaqqis ġenerali tal-finanzjament allokat lin-Nofsinhar Globali għad-detriment tal-għanijiet ta' żvilupp globali; jirrimarka li l-investiment fin-Nofsinhar Globali jsaħħaħ ukoll il-preżenza tal-Unjoni fir-reġjun u l-aċċess għas-swieq rilevanti;

Or. en

Emenda 285
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jilqa' t-tħabbira tal-BEI li jżid l-appoġġ f'setturi bħall-provvisti tal-ilma, in-negozji ż-żgħar, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika kif ukoll li jkompli jsaħħaħ is-sħubijiet ma' Tim Ewropa, mas-sħab tan-NU, kif ukoll ma' filantrotorti privati biex jinkiseb impatt

massimu fuq il-post;

Or. en

Emenda 286
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont ***demokratiku u trasparenza akbar***; ***itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament*** u ***l-BEI***;	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn ***kontroll imsaħħaħ fuq il-flus tal-kontribwenti tal-UE u minn trasparenza permezz ta' livell aktar b'saħħtu*** ta' obbligu ta' rendikont ***fil-konfront tal-Kunsill, tal-Parlament*** u ***tal-QEA***;

Or. en

Emenda 287
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; ***itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI***;	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar***, mingħajr ma tinkiser l-indipendenza tal-BEI bħala istituzzjoni finanzjarja***;

Or. en

Emenda 288
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; ***itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;***	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar;

Or. en

Emenda 289
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar***, jiġifieri l-pubblikazzjoni tad-dokumenti kollha relatati mal-proġett fil-pront u qabel l-approvazzjoni tal-proġett filwaqt li jitqiesu l-kummenti tal-partijiet ikkonċernati***; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;

Or. en

Emenda 290
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u

trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;	trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI ***biex jifformalizzaw u jsaħħu l-kooperazzjoni eżistenti tagħhom, inkluż permezz ta' rapportar regolari tal-BEI lill-Parlament, aċċess imtejjeb tal-Parlament għad-dokumenti u d-data tal-BEI, u l-possibbiltà li l-Parlament jissottometti mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-BEI***;

Or. en

Emenda 291
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI ***sabiex jittejjeb l-aċċess għad-dokumenti u d-data tal-BEI, isiru djalogi strutturati regolari, u, b'mod ġenerali, jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont demokratiku, inkluża l-kapaċità li jitressqu mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-BEI kif diġà previst għall-Bank Ċentrali Ewropew***;

Or. en

Emenda 292
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI; ***jitlob, f'dan il-kuntest, lill-BEI jipprovdi lill-Parlament Ewropew stampa komprensiva iżda simplifikata ta' kemm flus jgħaddu mill-baġit tal-UE fil-karta tal-bilanċ, barra l-karta tal-bilanċ u l-kont tal-profitt u t-telf tiegħu;***

Or. en

Emenda 293
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI; ***jieħu nota tal-investigazzjonijiet li saru mill-Ombudsman Ewropew;***

Or. en

Emenda 294
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku**,**

trasparenza akbar; itenni l-appell tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;	***indipendenza*** u trasparenza akbar; itenni l-appell ***qawwi*** tiegħu għal ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;

Or. en

Emenda 295
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; ***itenni l-appell tiegħu għal ftehim*** interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;	24. Jisħaq li r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' rendikont demokratiku u trasparenza akbar; ***jinnota li bdiet il-ħidma fuq il-ftehim*** interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BEI;

Or. en

Emenda 296
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jenfasizza l-importanza li l-BEI jiżgura trasparenza u traċċabbiltà sħiħa tal-proġetti ffinanzjati; iħeġġeġ lill-BEI jtejjeb l-iżvelar tiegħu ta' informazzjoni ambjentali u soċjali biex jippermetti sorveljanza xierqa mill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jisħaq li l-BEI għandu jippubblika, fil-ħin, informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proġetti, inklużi r-raġunament u l-kuntest għall-proġetti, l-ispjegazzjoni tal-allinjament tagħhom

mal-prijoritajiet u l-informazzjoni komuni tal-UE dwar l-operaturi ekonomiċi riċeventi reali, aktar milli l-ministeri responsabbli biss;

Or. en

Emenda 297
Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jisħaq li l-fiduċja pubblika fil-Bank Ewropew tal-Investiment tiddependi mit-trasparenza, mill-obbligu ta' rendikont u mill-istandards etiċi għoljin tiegħu; jappella għal riżami rigoruż u pubbliku tar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess, ir-remunerazzjoni u l-istatus tal-eks maniġers, inkluża l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kontroll effettivi u reġistri obbligatorji ta' interessi;

Or. cs

Emenda 298
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Bank jagħti spinta lill-parteċipazzjoni tal-kumpaniji Ewropej fil-proċessi tal-akkwist imnedija għal proġetti ffinanzjati mill-BEI; iħeġġeġ lill-Bank jagħti pariri lil min jissellef biex jagħti prijorità lill-eliġibbiltà għall-kumpaniji Ewropej sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 299
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, bil-ħsieb li jkun hemm żieda potenzjali fil-kapital tal-Bank Ewropew tal-Investiment, tivvaluta l-possibbiltà li ssir azzjonist;

Or. en

Emenda 300
Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jistieden lill-Grupp tal-BEI jsaħħaħ il-politika ta' trasparenza tiegħu u jippubblika informazzjoni komprensiva dwar il-proċess ta' approvazzjoni, il-proġetti li jirċievu finanzjament u r-riskji involuti, f'forma aċċessibbli għall-pubbliku u għas-soċjetà ċivili; ifakkar fl-importanza ta' konformità sħiħa mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-informaturi u l-istandards kontra l-korruzzjoni;

Or. cs

Emenda 301
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Ifakkar li r-riċevituri kollha tal-finanzjament tal-UE għandhom obbligu ġenerali li jirrikonoxxu l-oriġini tiegħu u jiżguraw il-viżibbiltà ta' kwalunkwe finanzjament tal-UE riċevut; jistieden lill-Grupp tal-BEI jiżgura li r-riċevituri finali jikkonformaw mal-kriterji ta' viżibbiltà tal-appoġġ finanzjarju tal-UE;

Or. en

Emenda 302
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jinsab imħasseb dwar l-investigazzjoni minħabba korruzzjoni li għaddejja kontra l-eks President tal-BEI; jistenna li l-UPPE u l-OLAF jinvestigaw bir-reqqa l-każ u jistenna ċarezza sħiħa dwar il-kwistjoni; ifakkar li kwalunkwe għemil ħażin u użu ħażin tal-fondi pubbliċi għandu jiġi kkastigat b'mod sever;

Or. en

Emenda 303
Jaroslava Pokorná Jermanová, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

24c. Jistieden lill-Grupp tal-BEI jintroduċi kodiċi ta' etika vinkolanti għall-maniġment u l-persunal, inkluż l-iżvelar obbligatorju ta' kunflitti ta' interess u ksur ta' regoli etiċi, kif ukoll sanzjonijiet; jappella wkoll għall-ħolqien ta' bord tal-etika indipendenti magħmul minn esperti esterni fl-amministrazzjoni pubblika, fil-konformità u fis-soċjetà ċivili biex jissorvelja l-konformità mal-istandards etiċi, jippubblika rapporti regolari u jirċievi kontribut mill-informaturi u mill-pubbliku;

Or. cs

Emenda 304
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jissottolinja l-importanza li l-Grupp tal-BEI jżomm l-ogħla standards fil-prevenzjoni ta' kull forma ta' frodi, evażjoni tat-taxxa, evitar tat-taxxa, ħasil tal-flus, u l-finanzjament tat-terroriżmu; jinnota li s-salvagwardja tal-integrità tal-finanzjament tal-Grupp tal-BEI hija essenzjali biex jiġu żgurati l-fiduċja pubblika u l-użu effettiv tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 305
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

24c. Jiddeplora li, skont stħarriġ intern tal-BEI, 50 % tal-membri tal-persunal tal-BEI jibżgħu mir-riperkussjonijiet jekk jirrapportaw xi mġiba ħażina inklużi bullying, fastidju jew pretensjonijiet ta' frodi; jitlob lill-President il-ġdid tal-BEI tniedi verifika fil-fond dwar il-prattiki ta' ġestjoni tal-banek;

Or. en

Emenda 306
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24d. Itenni l-appell tiegħu lill-BEI biex jirrieżamina b'mod urġenti d-diviżjoni tax-xogħol fil-Kumitat ta' Ġestjoni, u b'mod partikolari biex jiżgura li l-Viċi Presidenti tal-BEI qatt ma jmexxu proġetti li ġejjin mill-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, anke jekk il-Kumitat ta' Ġestjoni jieħu responsabbiltà kollettiva għad-deċiżjonijiet tiegħu, fid-dawl tar-riskju evidenti ta' kunflitti ta' interess; jenfasizza bosta rakkomandazzjonijiet dwar din il-kwistjoni minn istituzzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 307
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jilqa' l-Qafas għar-rikonoxximent	***imħassar***

tat-trade unions mill-Bank Ewropew tal-Investiment tal-2024;

Or. es

Emenda 308
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jilqa' l-Qafas għar-rikonoxximent tat-trade unions mill-Bank Ewropew tal-Investiment tal-2024;	***imħassar***

Or. en

Emenda 309
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jieħu nota tar-rwol ta' sorveljanza interna tal-Kumitat tal-Verifika tal-BEI; jilmenta li ma titwettaq l-ebda sorveljanza prudenzjali esterna skont standards superviżorji aċċettati internazzjonalment, ħlief fil-qasam tal-ġestjoni tal-likwidità; iħeġġeġ lill-Bord tal-Gvernaturi tiegħu, fid-dawl tad-daqs, il-kumplessità u l-ispeċifiċitajiet tal-mudell ta' negozju tal-BEI, jistabbilixxi ftehimiet xierqa mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku biex jiżgura li l-attivitajiet tal-BEI jkunu soġġetti għall-ogħla standards ta' sorveljanza prudenzjali esterna, filwaqt li jqis l-adattamenti meħtieġa derivati mill-mudell ta' negozju uniku tiegħu;

Or. en

Emenda 310
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier, Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-prinċipji ta' diversità, ekwità u inklużjoni tal-BEI, inkluża l-mira li mill-anqas 40 % tal-pożizzjonijiet maniġerjali jkunu okkupati min-nisa sa tmiem l-2026;	***imħassar***

Or. en

Emenda 311
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-prinċipji ta' diversità, ekwità u inklużjoni tal-BEI, inkluża l-mira li mill-anqas 40 % tal-pożizzjonijiet maniġerjali jkunu okkupati min-nisa sa tmiem l-2026;	***imħassar***

Or. en

Emenda 312
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-prinċipji ta' diversità,	26. Jilqa' l-prinċipji ta' diversità,

ekwità u inklużjoni tal-BEI, ***inkluża l-mira li mill-anqas 40 % tal-pożizzjonijiet maniġerjali jkunu okkupati min-nisa sa tmiem l-2026***;	ekwità u inklużjoni tal-BEI, ***inkluż approċċ ta' opportunità ugwali fil-politiki tiegħu dwar ir-riżorsi umani minflok approċċ ta' eżitu ugwali***;

Or. en

Emenda 313
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-prinċipji ta' diversità, ekwità u inklużjoni tal-BEI, ***inkluża l-mira li mill-anqas 40 % tal-pożizzjonijiet*** maniġerjali ***jkunu okkupati min-nisa sa tmiem l-2026***;	26 Jilqa' l-prinċipji ta' diversità, ekwità u inklużjoni tal-BEI***; iħeġġeġ sabiex il-pożizzjonijiet*** maniġerjali ***tal-BEI jkunu okkupati minn persuni magħżula abbażi tal-mertu, il-kapaċità u l-esperjenza***;

Or. es

Emenda 314
Kinga Kollár

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-prinċipji ta' diversità, ekwità u inklużjoni tal-BEI, inkluża l-mira li mill-anqas 40 % tal-pożizzjonijiet maniġerjali jkunu okkupati min-nisa sa tmiem l-2026;	26. Jilqa' l-prinċipji ta' diversità, ekwità u inklużjoni tal-BEI, inkluża l-mira li mill-anqas 40 % tal-pożizzjonijiet maniġerjali jkunu okkupati min-nisa sa tmiem l-2026; ***jappella għal rappreżentanza ġeografikament bilanċjata tan-nazzjonalitajiet tal-UE fost il-persunal;***

Or. en

Emenda 315
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jappella għat-tisħiħ tal-politiki tal-BEI dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-istabbiliment ta' qafas u strateġija ċari u effettivi tad-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjali għandhom jitwettqu minn esperti indipendenti, u li għandhom jiġu introdotti mekkaniżmi ta' verifika indipendenti biex jissorveljaw l-awtomonitoraġġ u l-awtorapportar imwettaq mill-klijenti tal-BEI;

Or. en

Emenda 316
Francisco Assis, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jappella għal trasparenza u prattiki ta' divulgazzjoni mtejba f'konformità ma' Banek Multinazzjonali tal-Iżvilupp oħra, flimkien mal-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti tal-ilmenti li jista' jindirizza u jirrimedja b'mod effettiv l-ilmenti; jenfasizza l-importanza ta' parteċipazzjoni pubblika sinifikattiva fil-proċessi ta' ppjanar, ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ tal-BEI għall-materja prima kritika, u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-proġetti tiegħu li jiffinanzja - inkluż il-Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat (FPIC) tal-

komunitajiet indiġeni, kif previst fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni;

Or. en

Emenda 317
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill ***u*** lill-Kummissjoni.	27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni ***u lill-Bank Ewropew tal-Investiment***.

Or. en